IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, il-25 ta' Jannar 2016**

## Il-kwalità tal-ilma tad-Danubju: ftit li xejn titjib minħabba "nuqqas ta' ambizzjoni" fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar, jgħidu l-Awdituri tal-UE

**Kien hemm ftit li xejn titjib fil-kwalità tal-ilma tul id-Danubju, minkejja li l-pajjiżi fil-baċin tax-xmara ilhom jimplimentaw id-Direttiva Qafas tal-UE dwar l-Ilma mill-2004 'l hawn, skont rapport ġdid mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. L-awdituri jenfasizzaw "nuqqas ta' ambizzjoni" fil-pjanijiet tal-pajjiżi bħala r-raġuni prinċipali għall-progress limitat. L-awditu ffoka fuq erba' Stati Membri fil-baċin tax-Xmara Danubju - ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Rumanija u s-Slovakkja.**

"*Il-politika tal-ilma tal-UE għandha tiżgura kwantità suffiċjenti ta' ilma ta' kwalità tajba għall-ħtiġijiet tan-nies u għall-ambjent,*" qal is-Sur **George Pufan, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**. "*Biex dan iseħħ tul id-Danubju, jeħtieġ li l-pajjiżi jagħmlu aktar sforz.*"

Bejn l-2007 u l-2013, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali/il-Fond ta' Koeżjoni pprovdew EUR 6.35 biljun lill-Istati Membri fil-baċin tad Danubju għat-trattament tal-ilma mormi. Matul l-istess perjodu, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali pprovda EUR 6.39 biljun biex jiġu kkumpensati l-bdiewa li qed jidħlu għal impenji agroambjentali.

Iżda l-pjanijiet tal-2009 tal-Istati Membri, ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara, ma kinux ambizzjużi. L-awdituri ġibdu l-attenzjoni għal immirar fqir tal-miżuri għal korpi tal-ilma ta' kwalità insodisfaċenti. Dan kien partikolarment dovut għal nuqqasijiet fis-sistemi ta' monitoraġġ li rriżultaw f'nuqqas ta' *data* kemm dwar it-tip kif ukoll is-sorsi ta' tniġġis li kkawżaw il-falliment ta' korpi tal-ilma. Barra minn hekk, l-Istati Membri eżentaw, mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti, għadd sinifikanti ta' korpi tal-ilma minn skadenzi importanti għall-ilħuq ta' status ta' kwalità tajba.

Kien hemm dewmien fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, filwaqt li d-Direttiva dwar in-Nitrati (mmirata lejn it-tnaqqis ta' emissjonijiet tan-nitroġenu) ma kinitx qed tiġi sfruttata bis-sħiħ. Barra minn hekk, impjanti tat-trattament u installazzjonijiet industrijali li jeħtieġu limiti speċifiċi tal-emissjonijiet ma ġewx identifikati. Miżuri addizzjonali fil-qasam tal-agrikoltura saru inqas effettivi billi kienu prinċipalment ta' natura volontarja.

L-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet kemm lill-Istati Membri kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropea.

L-Istati Membri għandhom:

***L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali adottat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu)*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem** **T: (+352) 4398 47063** **M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa** **T: (+352) 4398 45410** **M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu**

- itejbu s-sistemi ta' monitoraġġ u dijanjożi tagħhom għat-tniġġis tal-ilma;
- jipprovdu ġustifikazzjonijiet ċari u validi meta jagħtu eżenzjonijiet;
- jidentifikaw miżuri kosteffettivi biex jiġu mmirati;
- u jqisu imposti jew tassazzjoni biex jiskoraġġixxu l-emissjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha:

- tipprovdi linji gwida għal rappurtar differenzjat dwar il-progress;
- teżamina kriterji vinkolanti għal spezzjonijiet mill-Istati Membri ta' impjanti tat-trattament tal-ilma urban mormi;
- tqis il-limitazzjoni tal-applikazzjoni tal-fosforu fuq l-art;
- u tipprovdi gwida dwar l-irkupru tal-ispejjeż b'relazzjoni mad-danni ambjentali kkawżati mit-tniġġis diffuż (tniġġis ikkawżat minn firxa ta' attivitajiet). Attwalment, il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jiġi applikat parzjalment biss għat-tniġġis diffuż mill-agrikoltura.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jivvalutaw b'mod konġunt l-effettività tal-mekkaniżmi ta' infurzar fl-agrikoltura.

**Noti lill-Edituri**

"Il-baċin tax-Xmara Danubju II: Kwalità tal-ilma" huwa t-tieni rapport dwar il-baċin tax-Xmara Danubju ppubblikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Huwa vvaluta l-kwalità tal-ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju filwaqt li ħa kont ta' bosta fatturi, abbażi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. L-ewwel rapport, "Finanzjament mill-UE ta' impjanti tat-Trattament tal-Ilma Urban Mormi fil-baċin tax-Xmara Danubju", ġie ppubblikat f'Lulju 2015.

L-ilmijiet tal-Ewropa huma affettwati minn tniġġis organiku u tniġġis min-nutrijenti kif ukoll tniġġis minn sustanzi kimiċi. It-tniġġis tal-ilma joriġina minn diversi sorsi bħal unitajiet domestiċi, installazzjonijiet industrijali u l-agrikoltura. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tas-sena 2000 armonizzat il-leġiżlazzjoni preċedenti tal-UE fil-qasam tal-politika tal-ilma. Id-Direttiva introduċiet il-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara bħala għodda ewlenija ta' implimentazzjoni. L-ewwel pjanijiet kienu dovuti fl-2009 b'aġġornamenti meħtieġa f'Diċembru 2015. Dawn il-pjanijiet iridu jipprovdu informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma tad-diversi korpi tal-ilma, raġunijiet għan-nuqqas ta' kisba ta' "status ekoloġiku u kimiku tajjeb" meħtieġ, u kwalunkwe miżura rimedjali meħtieġa.

---

Ir-Rapport Speċjali Nru 23/2015: **Il-kwalità tal-ilma fil-baċin tax-Xmara Danubju: sar progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma iżda għad fadal xi jsir** huwa disponibbli bl-Ingliż (lingwi oħra jkunu disponibbli fi żmien qasir).